

# Kampnar u Qniepen

*P. Karm Ferrante O. Carm.*



## *Il-Kampnar*

"Ara..., fl-aħħar jidher li x-xogħol fuq ir-restawr tal-kampnar ser jibda'."

Dan kien il-kumment ewlieni tan-nies meta nhar l-1 ta' Marzu 2011 dehru xi ħaddiema qegħdin iwaqqfu armar tal-metall fuq iz-zuntier tal-Knisja. Kienet ħaga ċara li dan l-armar kellu jibqa' tielgħa sal-kampnar.

## *Storja*



Hija tassew ħasra li sa issa għadna ma nafux sewwa meta kien inbena l-kampnar tal-Knisja Matriċi ta' Santa Venera u allura lanqas min kien bnieh. Fittixt għal xi dokumenti u staqsejt l'hawn u l'hemm, imma bqajt b'xiber imnieħer, għalkemm wieħed jista' jkun żgur li dawn kienu hemm xi darba! Li nistgħu nkunu żguri minnu huwa li l-kampnar inbena wara li kienet ilha li nbniet il-Knisja. Jidher li kien tħejja xi forma ta' pedament għalih bħalma jidher fuq in-naħa l-oħra tal-faċċata tal-Knisja, imma na nafux ir-raġuni għala dan il-kampnar, li fid-disinn tiegħu huwa sabiħ u jolqot l-għajn, kien inbena fuq xi travi tal-ħadid! Il-Knisja li għandna llum tlestiet fl-1688 wara li kienet inħattet dik ta' qabel fl-1647. Fil-Viżta Pastorali tiegħu, l-Isqof Pawlu Alpheran kien sab li l-Knisja kienet mibnija u miżmuma tajjeb. Għalkemm jagħti deskrizzjoni dettaljata tal-Knisja minn ġewwa, ma jidhirx li jsemmi xi kampnari! Terġa' u tgħid, insibu garigor wieħed biss li jagħti għal fuq l-orgni u wara jkompli għal fuq is-saqaf tal-Knisja. Ma jibqax tiela għal ġol-kampnar u ma jagħtix għalih, ngħidu aħna, bħal dak li hemm fil-Knisja tal-Karmnu tal-Imdina.

Skont Patri Serafin Abela O. Carm. (Il-Karmelitani f'Santa Venera, 1913-2000) xi ħadd jgħid li kien hemm kampnar ieħor fuq in-naħa l-oħra li kien iġġarraf fit-terremot tal-1693. Patri Serafin ma jagħti l-ebda ħjiel għal din it-tejorija. Ngħid għalija, din ma tantx tinżilli! Mhinix xi professjonista, imma nipprova nqarreb lejn is-sewwa! L-ewwelnett dak li qisu pedament għal xi kampnar fuq in-naħa l-oħra ma jidhirx li jidhru fiħ xi sinjali li juru li xi darba seta' kellu xi bini fuqu. Imbagħad, naħseb li l-1693 hija data ħafna iżjed antika milli jidher

*ikompli f'paġna 22*

li għandu l-kampnar tagħna. Dak it-terremot kien seħħ wara biss ħames (5) snin li kienet infetħet il-Knisja ġdida.

Ma naħsibx li l-ewwel eremiti (ta' San Kaloġeru) li ġew minn Sqallija fl-1742 u li kienu jgħixu f'kamra waħda wara l-Knisja ta' Santa Venera, kellhom għalfejn jibnu jew itellgħu xi kampnar. Lanqas ma naħseb li kellhom skop jagħmlu hekk il-Ġiżwiti li għexu fir- Romitorju ta' Santa Venera mill-1869 sa l-l-1872 ( u f'Santa Venera sal-1880).

Il-qanpiena ż-żgħira li nsibu fil-kampnar illum saret żgur fl-1889. Setgħet kient l-unika qanpiena li kienet imdendla f'dik il-ħnejja li hemm fil-frontispizju tal-Knisja, bħal ma naraw f'xi knejjes rurali li nsibu mxerrda f'pajjiżna. Naħseb kien ikun bla sens li jkollok żewġ kampnari vojta! Wara li l-Ġiżwiti kienu telqu minn Santa Venera, l-Arċisqof Mons. Pietru Pace fada l-Knisja ta' Santa Venera f'idejn Dun Xandru Cortis li baqa' Rettur tal-Knisja sakemm il-Knisja u l-Kunvent ingħataw lill-Patrijiet Karmelitani fl-1913. Il-Knisja saret Parroċċa fl-1918. Dan jista'jfisser li l-qanpiena ż-żgħira setgħet kienet ordnata x'aktarx minn Dun Xandru Cortis.

Ġaladarba mbagħad kellu jinbidel ir-rwol tal-Knisja ta' Santa Venera f'idejn il-Patrijiet Karmelitani, allura jagħmel sens li dawn ħasbu għall-bini ta' kampnar u allura li jiġu miżjuda għallinqas żewġ qniepen oħra għall-ħabta tal-1926.

Tgħid nistgħu naslu għall-konklużjoni ipotetika li l-kampnar tal-Knisja Matriċi ta' Santa Venera nbena bejn l-1913 u l-1926(?) ?

## *Ir-Restawr*



Kienu għaddew snin sħah minn meta kien ġie deċiż li l-kampnar għandu jiġi restawrat minħabba li stat tal-biki li kien jinsab fih! Imma donnu li ma sarux sforzi biżżejjed biex joħroġ il-permess meħtieġ biex jinbeda x-xogħol!

Kien intalab il-permess mill-Mepa u kienet għaddiet xi korrispondenza fejn il-MEPA kienet talbet diversi kundizzjonijiet u tagħrif. Imma sa dik l-ewwel ġurnata ta' Marzu, kull ma kien sar kien li l-kampnar iddawwar b'armar tal-pajpijiet tal-metall.., qishom kanen tal-ilma!

Wara tentattivi ġodda u ħidma sfieqa mill-Pirjol P. Charles Mallia, f'Diċembru tal-2010 wasal il-permess mixtieq biex jista' jibda x-xogħol ta' restawr tal-kampnar. Bdiet it-tfittxija għal kuntrattur serju li kien jista' jkun afdat bir-restawr. Ma nstabx kuntrattur aħjar u raġonevoli minn dak ta' AGIUS STONEWORKS Ltd.! L-istima tal-ispiża għax-xogħol kollu meħtieg laħħqet it-33,000 ewro. Din l-ispiża setgħet togħla skont dak li seta' jitfaċċa minn bejn il-kwinti.



Dwar il-kapaċità tal-ħaddiema ta' din il-kumpanija biżżejjed jingħad li dawn kienu ġew afdati b'xogħolijiet kbar fosthom ir-restawr tal-koppla ta' San Gejtanu fil-Ħamrun. Fil-fatt, il-professjonalità mal-ewwel dehret fil-materjal u l-twaqqif tal-armar tal-metall. Meta tkellimna ma' xi wħud minn dawn il-ħaddiema, qalulna li kellhom esperjenza ta' bosta snin minħabba li qabel kienu jaħdmu mal-Malta Drydocks.

Sadanittant kien hemm bosta li wrew id-dubji tagħhom dwar għalfejn kien jinħtieġ li l-kampnar jiġi restawrat! Forsi sa ċertu pont kellhom xi ftit tar-raġun għalfejn jiddubitaw għax ftit kienu dawk li setgħu jitilgħu sa ħdejn il-kampnar u jaraw b'għajnejhom il-ħsara kbira li kellu! Minn isfel ma stajtx tara dik il-ħsara kollha! Barra li l-elementi kienu għamlu tagħhom u mermru l-ġebla, wieħed ma jridx jinsa li l-kampnar kien intlaqat ukoll minn sajjetta!

Beda l-ħatt tal-binja u kull ġebla li tqanqlet ġiet immarkata. biex terġa' titqiegħed f'postha jew dik li kellha ssir mill-ġdid minn flokha. Ix-xògħol tal-lavur u l-ġebel il-ġdid mhux qed jinħadem fuq il-post biex kemm jista' jkun ma jkunx hemm inkonvenjent żejjed speċjalment minħabba t-trab u l-għabra. Il-qniepen, it-tlieta li huma, ġew imniżżlin bil-galbu minn posthom u tqegħdu fil-ġenb fuq is-saqaf tal-Knisja stess.

Sakemm qiegħed nikteb dan it-tagħrif, il-kampnar qed jerġa' jinbena; il-ġebel li kien għadu tajjeb qed jerġa' jsib postu, fil-waqt li l-ħażin ġie mibdul kollu bl-istess disinn u lavur.

Kienet daqsxejn ta' problema dik tad-dehra orġinali tal-quċċata tal-kampnar. Dan għaliex wara li kien intlaqat minn sajjetta fis-snin sittin, il-parti ta' fuq nett li kienet tagħlaq id-disinn, kienet tfarrket u waqgħet għal isfel.. Naturalment mhix ħaġa ħafifa li timxi fuq dak li jingħad ta' kif kienet il-ponta ta' fuq nett, ġaladarba ma nstabitx xi pjanta oriġinali tal-kampnar. L-unika evidenza ċara nstabet minn ritratt li kien ittieħed minn Joe Calleja fl-1949. Dan ittieħed nhar il-festra ta' Santa Venera u kien jinkludi l-faċċata tal-Knisja. Bit-teknoloġija tal-lum sibna d-dehra tal-kampnar kif kien jidher sewwa, u għalhekk ir-restawr qiegħed isir kif għandu jsir...,.biex il-kampnar jigi rrestawrat u mogħti lura d-dehra oriġinali tiegħu.

## *Il-qniepen*

Kampnar mingħajr qniepen huwa kampnar li qiegħed hemm għad-dehra biss. Għallinqas, barra d-dehra sabiħa tiegħu, fil-kampnar tal-Knisja ta' Santa Venera l-Antika kien hemm (u għad hemm) tlett iqniepen ta' qisien differenti. Jidher sewwa li dawn la

*ikompli f'paġna 25*

nħadmu flimkien u lanqas ma ġew magħmula bħala sett, tant li mgħandom l-ebda skala fit-tonalità tagħhom. Imma b'danakollu ma nistgħux ngħidu li għandna nwarrbuhom għal kollox. Dan minħabba ċerta importanza li għandhom.

Napprezzawhom għall-arti fix-xogħol tal-bronż skont min għamilhom.

## *Il-Kbira*



Il-qanpiena l-Kbira hija xogħol li Joseph Abela għamel x'aktarx fl-1926. Jista' jkun li din hija l-ikbar qanpiena li ħadem Abela. Hija qanpiena ta' tonalità tant fqira li turi kemm min għamilha ma kien jaf xejn dwar is-sengħa tal-funderija tal-qniepen.

B'danakollu, milli jidher, Abela xtaq li joħroġ ta' raġel fil-funderija ta' din il-qanpiena. Mhux talli għamel ħiltu kollha biex joħroġ forma "nadifa" tal-bronż, imma talli qabbad lil min jgħamillu l-buzzett artistiku, speċifikament għal din il-qanpiena. Id-disinn artistiku li jżejjen din il-qanpiena ma nsibuhx fil-ftit qniepen oħra ta' Abela li għadhom jeżistu! Dehra ta' xogħol artistiku ftit jew wisq sabiħ.

Imma ma nistgħux ngħidu l-istess għas-sengħa tal-funderija tal-qanpiena. M'hemmx x'tagħmel: Abela ma kienx kapaċi fil-funderija tal-qniepen! Il-Kampanologu Kenneth Cauchi jsostni li qanpiena waħda biss minn dawk ta' Abela, li huwa jikkonsidra li għandha l-forma u t-tonalità li jixraq lil qanpiena vera; din tinsab fil-Knisja ta' Santa Luċija, Triq il-Lvant, Valletta.

## *Il-Fustanija*

L-agħar waħda fost it-tlieta hija dik tan-nofs. La għanda valur daqstant storiku u wisq inqas valur mużikali! Biex tkompli tagħqad din hija qanpiena mġelġla. Hija qanpiena li ssibilha d-difetti kollha li mgħandiex



*ikompli f'paġna 26*

ikollha qanpiena. Hemm waħda oħra bħala għand tal-Mużew (m.u.s.e.u.m) taż-Żejtun. Għax tgħid, din ukoll hija mxaqqa u mġelġla!

Ma nafux meta saret din il-qanpiena fustanija tal-kampnar ta' Santa Venera. Nafu biss li nħadmet minn Joseph Abela tal-Blata l-Bajda. Abela ma kienx xi fundatur professjonali u ma kellu l-ebda kapaċità fil-funderija tal-qniepen. Il-funderija tiegħu, li x'aktarx għadha hemm imma issa magħluqa sa minn ħafna snin ilu, kienet qiegħda faċċata tal-Iskola Marija Reġina ħdejn il-bini tal-Partit Nazzjonalista. Il-ħidma ewlenija ta' Joseph Abela kienet fil-produzzjoni tat-tappieri tad-drenaġġ fit-toroq.

Wara l-mewt ta' Giuliano Cauchi, milli jidher Abela kien tħajjar jittanta xortih billi jdur lejn il-funderija tal-qniepen. Imma huwa tista' tgħid li ma kien jaf xejn dwar din is-sengħa, u dan bla dubju ta' xejn jidher fir-riżultat tal-qniepen li laħaq għamel! Ftit huma l-qniepen ta' Abela li għadhom jeżistu. Dan minħabba li kienu xxaqqu kawża ta' xogħol difettuż, jew inkella għax kienu ġew imdewwba biex il-metall tagħhom jerġa' jintuża fil-funderija ta'qniepen ta' kwalita' aħjar.

Fl-opinjoni tas-Sur Kenneth Cauchi, il-fustanija ta' Santa Venera kienet reġgħet ġiet fundata (għal xi raġuni jew oħra) mill-bronż ta' xi waħda oriġinali ta' Giuliano Cauchi. Is-Sur Kenneth wasal għal din il-konklużjoni minħabba li madwar il-qadd tal-fustanija, huwa sab tiżjin forma ta' girlanda li seta' ttieħed minn fuq il-qanpiena ta' Giuliano qabel ma din ġiet imdewwba.

Hija kważi ħaġa ċerta li l-fustanija tal-kampnar ta' Santa Venera kienet ġiet imsewwija għand il-Malta Drydocks. Għalkemm sar sforz tajjeb, ir-riżultat mhux daqshekk ta' sodisfazzjon, anzi ta' diżappunt liema bħalu! Dan żgur li mhux tort tal-ħaddiema welders li għamlu xogħolhom mill-aħjar li setgħu.Barra li xogħol ta' tiswija fuq il-qniepen rari ħafna jkollu riżultat tajjeb, hemm ukoll il-fatt li din il-qanpiena diġà kienet ta' natura fqira u difettuża sa minn ġuf ommha!

## Iż-Żgħira

Fuq l-iżgħar qanpiena hemm skolpit dan it-tagħrif: Mro. (Maestro) Giuliano Cauchi Fecit Malta Cospicua Anno 1889, li jfisser li kienet ġiet maħduma mill-Imgħallem Giuliano Cauchi fl-1889 Cospicua (Bormla) Malta. Dan huwa l-fatt li minħabba fih din il-qanpiena żgħira għandha valur storiku li jagħmilha l-aħjar waħda u l-aktar waħda mportanti fost dawn it-tlieta ta' Santa Venera.; proprju għax maħduma minn dan l-Imgħallem magħruf, u mhux minħabba t-ton mużikali tagħha. Ta' min jgħid li l-Imgħallem Giuliano



ma kellux xi ħila speċjali fl-intunar tal-qniepen, imma kien magħruf sewwa minħabba l-kapaċità tiegħu fix-xogħol tal-funderija.

L-Imgħallem Giuliano kellu l-funderija partikulari tiegħu f'Għajn Dwieli, fil-limiti ta' Bormla. Din il-funderija kienet biswit il-Bieb tal-Malta Drydocks.

Cauchi kien l-aħħar wieħed minn sensiela ta' fundaturi tal-qniepen li kienet tmur lura sewwa fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann ta' Malta. Storikament din ir-rabta ta' l-Imgħallem Cauchi f'din is-sensiela titqies li twassal sal-fundaturi tal-qniepen Gioacchino u Francesco Trigance. Dawn il-fundaturi kienu għamlu erba' qniepen (li għadhom hemm) għall-Knisja tal-Karmnu, Valletta, fl-1791. Fl-istess sena kienu ħadmu. żewġ qniepen oħra għall-kampnar tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina.

Giuliano Cauchi ħadem diversi qniepen li għadna nsibu fil-kampnari tal-Knejjes Maltin. Ix-xogħolijiet tiegħu jinsabu fost oħrajn f'Bormla, fil-Belt Kapitali Valletta u tas-Sliema.. Il-biċċa l-kbira tal-qniepen il-kbar f-Għawdex huma wkoll frott tal-ħidma ta' dan il- Bormliż bravu fundatur tal-qniepen.

Barra l-qanpiena ż-żgħira ta' Santa Venera, hemm żewġ qnipen oħra li ħadem Giuliano għal xi kampnar ta' Knisja Karmelitana. Missier Giuliano kien għamel qanpiena għall-Knisja tal-Karmnu tal-Balluta, u ftit wara, fl-1870, Giuliano flimkien ma' missieru ħadem żewġ qniepen ikbar għall-istess Knisja.

Minn dana kollu nistgħu nifhmu għaliex l-iżgħar qanpiena għandha titqies b'waħda mill-aktar prezzjuża fost it-tlieta li jinsabu fil-kampnar ta' Santa Venera.

Hija x'aktarx ħasra li dan il-bravu fundatur tal-qniepen żamm kollox mistur kemm f'ħajtu kif ukoll wara mewtu! Huwa qatt ma ta tagħrif jew kixef is-sigrieti tas-sengħa u l-ħila kbira li kellu. Kien bniedem riservat wisq! Lanqas qatt ma kien miżżewweġ.

L-Imgħallem Giuliano Cauchi miet nhar l-24 ta' April 1904, u jinsab midfun fiċ-ċimiterju tal-Addolorata fl-oqbra tal-Konfraternità tar-Rużarju ta' Bormla.

## *Tmiem*

Għalkemm minn dak li rajna, dawn il-qniepen tal-Knisja Matriċi ta' Santa Venera V.M. ma nistgħux ngħidu li għandom valur fis-sens strett bħala qniepen, madankollu xorta waħda għandhom siwi u nteress partikulari u storiku.

Iż-Żgħira hija l-aqwa u l-aħjar bħala opra tal-Imgħallem magħruf Giuliano Cauchi, filwaqt li t-tnejn l-oħra huma ta' valur minħabba li huma xogħol rari li għadna nistgħu nsibu ta' Joseph Abela.

Jekk stess dawn it-tliet qniepen jiġu rrestawrati, xorta waħda qatt ma jistgħu jkollhom ħoss intunat u tajjeb. Restawr tagħhom ikun jiswa' biex jeħlishom minn xi ħsara ferm ikbar milli għandhom bħal issa!

Tgħid wasal iż-żmien li naħsbu għal xi qniepen ġodda li jixirqu lil din il-Knisja antika u arkitettonikament artistika?